

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 497/2013

tad-29 ta' Mejju 2013

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (UE) Nru 231/2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enzimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 ⁽³⁾ jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.
- (2) Dawn l-ispeċifikazzjonijiet jistgħu jiġu aġġornati skont il-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, jew b'inizjattiva tal-Kummissjoni inkella wara talba.
- (3) Meta jkunu qed jiġu aġġornati dawn l-ispeċifikazzjonijiet, għandhom jitqisu l-ispeċifikazzjonijiet u t-tekniki analitiċi għall-addittivi tal-ikel kif jistabbilixxi l-Codex Alimentarius imfassal mill-Kumitat Konġunt ta' Esperti tal-FAO/WHO dwar l-Addittivi tal-Ikel.
- (4) Ir-Regolament (UE) Nru 231/2012 fih żbalji fl-ispeċifikazzjonijiet għall-bisulfid tas-sodju (E 222), il-lattat tas-sodju (E 325) u l-fosfatidi tal-ammonju (E 442). Dawn l-iżbalji għandhom jitranġaw.

- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 380/2012 tat-3 ta' Mejju 2012 ⁽⁴⁾ li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet ta' użu u l-livelli ta' użu għall-addittivi tal-ikel li fihom l-aluminju, ineħħi l-addittivi tal-ikel: is-silikat tal-kalċju u tal-aluminju (E 556) u s-silikat tal-aluminju (il-Koalin) (E 559) mill-lista tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 mill-1 ta' Frar 2014. Għaldaqstant, l-ispeċifikazzjonijiet għal dawk l-addittivi tal-ikel għandhom jitħassru wkoll.

- (6) Ir-Regolament (UE) Nru 231/2012 fih żewġ żbalji dwar in-numri tal-Einecs ⁽⁵⁾ assenjat lill-gwanilat disodikju (E 627) u lill-gwanilat dipotassiku (E 628). Dawn l-iżbalji għandhom jitranġaw.

- (7) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 231/2012 għandu jiġi emendat u kkoreġut skont dan.

- (8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 huwa emendat u kkoreġut skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Mejju 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

⁽²⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 119, 4.5.2012, p. 14.

⁽⁵⁾ L-Inventarju Ewropew tas-Sustanzi Kimiċi Kummerċjali Eżistenti (Einecs).

ANNEX

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 huwa emendat u kkoreġut kif ġej:

(1) L-annotazzjoni għall-bisulfid tas-sodju E 222 hija emendata kif ġej:

(a) l-intestatura għandha tinbidel b'dan li ġej:

“E 222 IDROĠENUSULFIT TAS-SODJU”

(b) l-ispeċifikazzjoni għall-purità tal-ħadid għandha tinbidel b'dan li ġej:

“Hadid | Mhux iktar minn 10 mg/kg ibbażat fuq il-kontenut tal-SO₂”

(2) Fl-annotazzjoni għal-lattat tas-sodju E 325, l-ispeċifikazzjoni għat-test għall-potassju, l-identifikazzjoni għandha tinbidel b'dan li ġej:

“Test għas-sodju | Jgħaddi mit-test”

(3) Fl-annotazzjoni għall-fosfatidi tal-ammonju E 442, l-ispeċifikazzjonijiet dwar id-deskrizzjoni għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

“**Deskrizzjoni** | Semisolidu żejtni għal likwidu żejtni”

(4) Fl-annotazzjoni għas-silikat tal-kalċju u tal-aluminju E 556, l-intestatura għandha tinbidel b'dan li ġej:

“E 556 SILIKAT TAL-KALĊJU U TAL-ALUMINJU (*)

(*) Il-perjodu tal-applikazzjoni: sal-31 ta' Jannar 2014.”

(5) Fl-annotazzjoni għas-silikat tal-aluminju (il-Koalin) E 559, l-intestatura għandha tinbidel b'dan li ġej:

“E 559 SILIKAT TAL-ALUMINJU (IL-KAOLIN) (*)

(*) Il-perjodu tal-applikazzjoni: sal-31 ta' Jannar 2014.”

(6) Fl-annotazzjoni għall-gwanilat disodiku E 627, in-numru tal-Einecs fid-definizzjoni għandu jinbidel b'dan li ġej:

“Einecs | 226-914-1”

(7) Fl-annotazzjoni għall-gwanilat dipotassiku E 628, in-numru tal-Einecs fid-definizzjoni għandu jinbidel b'dan li ġej:

“Einecs | 221-849-5”
